



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8833/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0115(NLE)

ACP 49
FIN 363
PTOM 8

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Ġunju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 234 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jiġihallu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni ħlas parzjali għall-2020

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 234 final.

Mehmuż: COM(2020) 234 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.6.2020
COM(2020) 234 final

2020/0115 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni ħlas parzjali għall-2020

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-proposta tikkonċerna abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tieni ħlas parzjali tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) li jridu jitħallsu mill-Istati Membri fl-2020.

Il-Ħdax-il FEŻ u fondi oħra tal-FEŻ li għadhom miftuħin (jiġifieri t-Tmien, id-Disa' u l-Għaxar FEŻ) huma ġestiti skont il-ġabra ta' regoli li ġejjin:

Il-Ftehim ta' Sħubija attwali bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq in-naħa l-oħra ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE") kif emendat l-aħhar¹,

Il-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajjuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020, skont il-ftehim ta' sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea² (il-"Ftehim Intern" tal-Ħdax-il FEŻ),

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp³ ("ir-Regolament Finanzjarju tal-Ħdax-il FEŻ").

Id-dokumenti msemmijin hawn fuq jinkludu impenji pluriennali mill-Istati Membri biex jappoġġaw finanzjarjament it-teżor tal-FEŻ. Ir-Regolament Finanzjarju tal-Ħdax-il FEŻ jipprevedi li jsiru kontribuzzjonijiet regolari mill-Istati Membri għat-teżor tal-FEŻ skont impenji finanzjarji predeterminati. Il-kontribuzzjonijiet regolari jiskattaw minn Deċiżjonijiet tekniċi tal-Kunsill li jirriflettu l-implimentazzjoni ta' impenji finanzjarji deċiżi minn qabel.

Għaldaqstant, uħud mill-intestaturi fil-memorandum ta' spjegazzjoni mhumiex applikabbli għal sejħiet regolari għall-kontribuzzjonijiet bħalma hi din.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

F'konformità mal-Artikolu 19(7) tar-Regolament Finanzjarju tal-Ħdax-il FEŻ, l-ammont ġestit mill-Kummissjoni Ewropea u l-ammont ġestit mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) huma speċifikati separatament.

F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament Finanzjarju tal-Ħdax-il FEŻ, il-BEI bagħat lill-Kummissjoni Ewropea l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti fil-qafas tal-istrumenti li jiġġestixxi.

F'konformità mal-Artikolu 20(1) tal-Ħdax-il Regolament Finanzjarju, is-sejħiet għall-kontribuzzjonijiet l-ewwel għandhom jeżawrixxu l-ammonti disponibbli minn Fondi Ewropej

¹ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 11 Vol. 035 p. 3 - 379)

² ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1

³ ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1-21

għall-Iżvilupp preċedenti, wieħed wara l-ieħor. Għaldaqstant, is-sejħiet għal kontribuzzjonijiet f'din il-proposta jikkonċernaw l-ammonti fl-Għaxar FEŻ għall-BEI u l-ammonti fil-Ħdax-il FEŻ għall-Kummissjoni Ewropea.

F'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament Finanzjarju tal-Ħdax-il FEŻ, il-Kunsill irid jiddeċiedi dwar din il-proposta mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju wara l-preżentazzjoni ta' din il-proposta, mill-Kummissjoni Ewropea li tagħixxi f'isem l-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 21(1) tar-Regolament Finanzjarju tal-Ħdax-il FEŻ jistipula li Stat Membru li jonqos milli jħallas il-ħlas parzjali tal-kontribuzzjoni dovut sal-iskadenza, ikun jeħtieġlu jħallas l-imgħax fuq l-ammont li ma jkunx ħallas; l-arranġamenti għall-pagament tal-imgħax huma speċifikati fl-istess Artikolu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni ħlas parzjali għall-2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁴ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Intern"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)(minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju tal-Ħdax-il FEŻ")⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 (3) u 19(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 19 sa 22 tar-Regolament Finanzjarju tal-Ħdax-il FEŻ, il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ġunju 2020 li tispeċifika (a) l-ammont tat-tieni ħlas parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2020, u (b) ammont annwali rivedut tal-kontribuzzjoni għall-2020, f'każijiet fejn l-ammont ivarja mill-bżonnijiet reali,
- (2) F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament Finanzjarju tal-Ħdax-il FEŻ, fit-8 ta' April 2020, il-Bank Ewropew tal-Investiment bagħat lill-Kummissjoni Ewropea l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti fil-qafas tal-istrumenti li jiġġestixxi,
- (3) L-Artikolu 20(1) tar-Regolament Finanzjarju tal-Ħdax-il FEŻ jistipula li s-sejthiet għal kontribuzzjonijiet l-ewwel jeżawrixxu l-ammonti stabbiliti fil-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp preċedenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi taħt l-Għaxar FEŻ għall-BEI u taħt il-Ħdax-il FEŻ għall-Kummissjoni,
- (4) L-Artikolu 55 tar-Regolament Finanzjarju tal-Ħdax-il FEŻ jipprevedi li ammonti minn proġetti skont l-Għaxar FEŻ jew minn FEŻ preċedenti oħrajn mhux impenjati skont l-Artikolu 1(3) tal-Ftehim Intern, jew diżimpenjati skont l-Artikolu 1(4) tal-Ftehim Intern, dment li ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Kunsill b'mod unanimu, għandhom

⁴ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1

⁵ ĠU L 307, 3.12.2018, p. 7-9

inaqqsu dik il-parti mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri ddikjarati fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) tal-Ftehim Intern.

- (5) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1800⁶, fl-24 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni Ewropea, adotta d-Deċiżjoni biex l-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ tal-Istati Membri għall-2020 jiġi stabbilit għal EUR 4 400 000 000 għall-Kummissjoni Ewropea, u EUR 300 000 000 għall-Bank Ewropew tal-Investment.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjonijiet individwali għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp li jridu jitħallsu mill-Istati Membri lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Bank Ewropew tal-Investment bħala t-tieni ħlas parzjali għall-2020 huma stabbiliti fit-tabella fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1800 tal-24 ta' Ottubru 2020 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-ewwel ħlas parzjali għall-2020 u l-ammont annwali għall-2020 (ĠU L 274, 24.10.2019, p. 9).